MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 477/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Giovanni Vindigni**
**ID63684-A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn mija u tmienja u sebghin ewro u hamsa u tletin centezmi (€2,178.35c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40251683 moghtija mis-Socjeta’ attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok.IZY1 u Dok.IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u

Dok.IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.IZY 4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gew pprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.ZY1 sa Dok.IZY4.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija tmienja u sebghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€2,178.35c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------